# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NUMRU 2 4 8 4

### Chairman: Dr Leslie Cuschieri Cert.Dip.Stud., LL.D.

**Kaz Numru 3255/LC**

**Fil-kwistjoni tax-Xoghol bejn**

**Elizabeth Cauchi [k.i. 791959M]**

**vs**

**Holden Development Co Ltd [C-109]**

**dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ingusta.**

Illum 13 ta' Gunju 2017

Dan il-kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' rikors ta' Elizabeth Cauchi ipprezentat fir-Registru tal-Qorti fit-23 ta' Gunju 2014 mill-avukat Dottor Andrew Borg Cardona.

DIKJARAZZJONIJIET

Elizabeth Cauchi ddikjarat fir-rikors promotur taghha li hija kienet ingaggata mill-intimati fil-kariga ta' Rooms Division Manager; imbaghad fit-22 ta' Marzu 2014 giet licenzjata b'*redundancy,* pero fil-fehma taghha din ir-raguni ma tregix peress illi giet rimpjazzata minn persuna li dahlet fl-impieg ferm warajha. Ghalhekk hija talbet li jigi dikjarat li t-temm tal-impieg ma kienx skond il-ligi, u li jigi ffissat u jigi ordnat il-hlas ta' kumpens xieraq lilha.

Fl-istqarrija tal-Kaz taghha, ir-rikorrenti telabora u tghid li hija tkecciet wara 7 snin ta' impieg bhala Rooms Division Manager fil-lukanda Ramla Bay, b'responsabbilta' ghal funzjoniet ta' *reservations, reception, guest relations* u

amministrazzjoni generali; hija anke kienet taghmel xoghol ta' Duty Manager meta kien ikun imissha. Meta hija giet imwaqqfa mix-xoghol kienu qalulha li l-lukanda ma kienx ser ikollha Rooms Division Manager iktar, pero' din l-ispjega ma tistax tigi accettata peress li b'lukanda tad-daqs tar-Ramla Bay Hotel dak ix-xoghol necessarjament kellha bzonnu. Hija taf li Julie Bonnici, li kienet giet impjegata ferm warajha, inhatret Front of House Manager, li bhala funzjoni essenzjalment giet taghmel ix-xoghol li kienet taghmel ir-rikorrenti, bid-differenza illi eventwalment gie ngaggat Mark Saliba biex jaghmel il-funzjoni ta' guest relations. Illi dan kollu juri li t-tkeccija ma kinitx wahda genwina ta' *redundancy*, u ghalhekk ir-rikorrenti ghandha tinghata kumpens xieraq li jirrifletti l-mod li bih giet ittrattata.

Holden Development Co Ltd irrispondiet li t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghaliex kien hemm bidla fil-*management structure* tal-lukanda, fejn giet abolita l-kariga ta' Rooms Division Manager li kienet tokkupa r-rikorenti, u ghalhekk is-socjeta' intimata kellha raguni valida fil-ligi biex tittermina l-impieg tar-rikorrenti.

PRELIMINARI

Fl-ewwel seduta mizmuma, dan it-Tribunal stieden lill-partijiet jikkonsidraw ftehim bonarju. Madankolu r-rikorrenti infurmat lit-Tribunal li 6 xhur wara li intemm l-impieg taghha hija sabet impieg alternattiv. Ghall-iskopijiet ta’ Artikolu 78 ta’ Kap 452 tal-Ligijiet ta’ Malta jinghad li dan il-kaz ma setghax jigi deciz fiz-zmien moghti bil-ligi minhabba li l-gbir tad-diversi xhieda ha fit-tul.

IL-PROVI MIGJUBA

Is-socjeta' intimata bdiet il-kaz taghha billi ressqet lil **Edmond Bartolo**, CEO mal-istess kumpanija intimata li taghmel parti minn Tarcisio Galea Group of Companies. Jghid li kien ilu 20 sena jghin fit-tmexxija ta' dan il-grupp, inkluza r-Ramla Bay Resort: hemmhekk kien ha hsieb jingagga lil Tiziana Grech bhala General Manager fl-1995 u din hadmet sa l-ahhar tal-2013. Hija kellha l-operat tal-lukanda kollu f'idejha, u meta allura irtirat bil-penzjoni kien jehtieg li ssir ri-evalwazzjoni ta' kull kariga fil-lukanda. Fil-waqt li t-tmexxija generali tal-lukanda kienet f'idejha, decizjonijiet kbar jew ta' strategija kienu jigu diskussi bejnha, dan ix-xhud Edmond Bartolo, u d-direttur uniku u shareholder principali Tarcisio Galea. F'Novembru 2013 dawn it-tlieta iltaqghu biex jiddiskutu kif ser tinbidel it-tmexxija tal-lukanda wara li tirtira Tiziana Grech, u l-pjanijiet bdew jinbidlu minn zmien ghal zmien. Finalment gie deciz l-l-gerarkija tkun vertikali fis-sens li jkun hemm **General Manager** wiehed, u tahtu jkun hemm **Assistant General Manager** wiehed, u **Front of House Operations Manager** wiehed. Tahthom ikun hemm il-Heads of Departments. L-Assistant General Manager kellu jkun responsabbli minn affarijiet li ma jmissux mal-*guests* direttament, bhal *Human Resources, Security,* u *Maintenance*. Il-Front of House Operations Manager kellu jkun responsabbli mill-affarijiet li jolqtu lill-*guests* aktar dirett bhal *Reception, Reservations, Guest Relations, Spa, Events* u *Food And Beverage*. B'dan l-istrutturar gew aboliti 3 karigi ta' Head of Department, u cioe l-House Manager, ir-Rooms Division Manager u l-Human Resources Manager. B'hekk il-lukanda bdiet topera bi tmin managers flok 9. Dawn it-tlieta gew redundant, u l-kumpanija barra li taghthom in-notice ikkonceditilhom li jkollhom special leave biex ikunu jistghu imorru ghal interviews ghal impieg alternattiv. Iz-zewg managers l-ohra fehmu s-sitwazzjoni u ma holqux problemi.

Jghid li fl-evalwazzjoni tad-doveri tal-managers kien gie nnotat li r-rikorrenti kienet taghmel xoghol ta' Front Desk, Reception and Reservations, pero' dan ix-xoghol kien jinhadem minn impjegati fi grad iktar baxx, u allura r-rikorrenti kienet aktar bhala *figure head* ghax ix-xoghol effettiv kien ristrett hafna. Dan

kien jikkonsisti f'timesheets, rosters, overbookings u okkazjonalment li tkun Duty Manager bhal ma kienu imisshom li jkunu l-managers kollha. Ma rrizultalux li mal-kuntratt tal-impieg tar-rikorrenti kienet inholqot xi job-description.

Imbaghad xhedet **Tiziana Grech** li spjegat li hi kienet taf lir-rikorrenti qabel ma dahlet General Manager mar-Ramla Bay Resort fl-1995 ghax kienu jahdmu flimkien fil-Mistra Village Corinthia. Ghall-bidu l-lukand kellha 90 kamra biss u t-tmexxija taghha ma kienx jehtigilha hafna managers; prattikament kienet "family-run". Maz-zmien il-lukanda kibret ghal 180 kamra, u imbaghad ghal 281 kamra, u l-operat tal-kumpanija beda jigi bzonn aktar haddiema, anke fil-livell ta' managers. Wara l-1995 kien gie ingaggat xi hadd bhala Front Office Manager jew Reservations Manager, u aktar tard inhasset il-htiega ghal Rooms Division Manager: fl-2007 inholoq dan il-grad u giet ingaggata Elizabeth Cauchi bhala l-ewwel Rooms Division Manager. Din kellha tkun responsabbli mir-reservations kollha, mir-rosters tar-reception, mill-complaints li jidhlu, mill-group arrivals u affarijiet tal-Front Desk. L-avukat tal-kumpanija intimata staqsa lil din ix-xhud kif fil-file personali tar-rikorrenti la kien hemm record ta' call for applications, la kien hemm C.V. tar-rikorrenti, u anqas kien hemm job description tar-Rooms Division Manager, u x-xhud irrispondiet li lir-rikorrenti ingaggata ghaliex kienet taf bil-kapacitajiet taghha qabel, pero' sa fejn kienet taf hi kien hemm job-description tar-Rooms Division Manager. Tispjega li l-job-description ta' Rooms Division Manager ikun bejn wiehed u iehor bhal ta' Front Office Manager, u di fatti r-Ramla Bay ma kellhiex Front Office Manager. Il-job description ta' din il-kariga suppost kien mizmum mill-manager responsabbli mill-Human Resources, li kien manager iehor. Mistoqsija ghaliex il-file personali tar-rikorrenti kien ikun imsakkar ghandha, ix-xhud tghid li hija kienet izzomm tal-managers kollha pero' tal-Human Resource kemm-il darba kienu jitolbuha xi file u kienet ittihulhom. Giet mistoqsija ukoll kif il-file personali tar-rikorrenti kellu ftit dokumenti, u x-xhud spjegat li kien hemm file iehor ghal kull manager dwar il-hlasijiet ta' bonuses li kienu jinghataw. Waqt il-kontroezami ta' din ix-xhud ir-rikorrenti ezebiet il-

kopja taghha (mhux iffirmata) li kellha tal-job description tar-Rooms Division Manager, u x-xhud ftakret li fil-file tar-rikorrenti suppost kellu jkun hemm Job Description bhal dak; min nehhieh ma kinitx taf.

Xhedet **Julie Bonnici**, Front of House Operations Manager fir-Ramla Bay Resort sa minn Mejju 2014. Hija kienet giet impjegata hemmhekk f'Mejju 2011 bhala Events Executive biex tiehu hsieb il-konferenzi u l-events; meta saret manager hija saret responsabbli mir-*Reception Desk, Reservations, Guest relations, Conference and events, Spa* u *Product Development.* Bhala konferenzi u events, hija kienet taqbad request, tahdem il-costings mad-dipartimenti kollha tal-lukanda, tibghat quote, u jekk l-organizzatur tal-konferenza jew event jaccettaha jiltaqa' maghha biex l-organizzazzjoni tigi adattata tailor made ghal kull ma jkunu jixtiequ l-klienti. Meta fl-2014 saret Front House Operations Manager hija zammet ix-xoghol ta' qabel u ziedet mieghu ir-responsabbiltajiet tar-Rooms Division manager. Tghid li l-iSpa kien taht dak li kien il-House Manager, li spicca f'Marzu 2014, u wara gie taht ir-responsabbilta' taghha. Bejn Marzu u Mejju 2014 l-iSpa tmexxa mis-senior Therapist.

Fil-job description ta' din ix-xhud ghandha Product Development, u cioe li flimkien ma' ohrajn (f'kumitati) jaraw kif is-servizzi fil-lukanda jistghu jitjiebu. Tghid li l-parti l-kbira tal-hin taghha tiddedikah lill-konferenzi u events, inkluzi tigijiet. Tghid li ma tantx kien hemm bzonn hand over ghaliex meta dahlet hi d-dipartimenti li bdew jaqghu tahtha kienu qed jitmexxew sew mill-impjegati li gew tahtha. Hija tghallmet il-programm Opera li jintuza fir-reception ghar-reservations.

**Elizabieth Cauch**i xhedet li l-general manager Tiziana Grech kienet avvicinata u talbitha tidhol tahdem fir-Ramla Bay ghax kellhom bzonn Rooms Division Manager. Fil-bidu kienet responsabbli mir-*reservations, front-office, reception,* u *guest relations* peress li hija kellha hafna esperjenza fil-guest-

relations, b'25 sena mal-Corinthia. Ghamlet zmien fil-lukanda Elkasar fit-Tunesija, fil-Jerma u fil-Mistra Village Resort, u kienu isejhulha biex tassisti kull meta kien ikun hemm konferenzi. Hija kellha l-clerks tar-reception u tar-reservations tahtha, pero' dahhlet il-kuncett ta' guest relations biex il-klienti jhossuhom aktar milqugha, oltre li kienet thajjar lill-guests jiehdu up-grade tal-booking taghhom, biex b'hekk jingieb aktar qliegh ghall-kumpanija. Mal-Corinthia kienet ukoll manager tat-timeshare, u anke ir-Ramla Bay Resort ghandha numru ta' appartamenti time-share, u hija dahlet responsabbli ghalihom ukoll; dawn kienu jkunu dejjem mimlijin.

Tispjega li malli spiccat Tiziana Grech, ingieb general manager gdid li qatt ma sejhilha jew kellimha. L-ewwel darba li ltaqghet mieghu kien xi 4 gimghat wara meta fil-prezenza ta' Edmond Bartolo kien infurmaha li l-impieg taghha kien ser jigi terminat minhabba redundancy, bhal ma kienet gia' inghatat lil persuna ohra. Tghid li xogholha suppost haditu Julie Bonnici li kienet giet impjegata numru ta' snin warajha bhala Food and Beverage Coordinator – hija kienet tirrispondi lill-Food and Beverage Manager. Issemmi kif meta l-lukanda riedet thajjar il-bejgh ta' Christmas Events and functions, huma talbu lir-rikorrenti biex personalment tmur tippromotja l-events. Tghid li minkejja li l-kumpanija la kellha CV taghha u anqas Job Description, fil-verita' CV kienu talbuhulha u tatulhom, u Job Description kien hemm ukoll izda hi inghatat kopja mhux iffirmata. Dwar l-organizzazzjoni ta' events u konferenzi, li dahlet responsabbli ghaliha Julie Bonnici, hija kienet kapaci taghmilha u kellha esperjenza qabel ukoll; anke sales kellha esperjenza, kif ukoll *sales of food and beverage*, functions u anke events coordinator kienet taghmel. Kien hemm functions u events li gew organizzati fir-Ramla Bay propju bis-sahha tal-kuntatti li kellha hi meta kienet taghmel xoghol simili fl-impieg ta' qabel.

In kontroezami r-rikorrenti tispjega li wahda mill-ikbar bicca xoghol iebsa li kien ikollha kienet li ssolvi l-problema ta' over-booking. Qabel hadet dan l-impieg, l-ahhar li kienet hadmet kien mal-Jerma Hotel bhala Sales and Marketing Manager. Hija taqbel li hi u l-general manager Tiziana Grech kienu hbieb antiki sa minn meta kienu jahdmu flimkien mal-Corinthia. Hija giet

mistoqsija dwar house-keeping li suppost kellha taghmel skond il-job description, u rrispondiet li kellha struzzjonijiet biex dan ix-xoghol thallih ghall-housekeeper; pero' hija kienet taf taghmel dak ix-xoghol u gieli htigilha taghmel dak ix-xoghol hi jew tmur ticcekkjah sarx sew, partikolarment meta jkun hemm xi "show-round", jew gejjin xi "V.I.P.s". Tghid li l-ilmenti suppost kellhom jiehdu hsiebhom il-managers kollha skond min ikun duty, pero' fil-verita' meta hi ma tkunx xoghol kienu jhallulha nota biex meta tidhol tiehu hsieb il-problema hi. Mistoqsija dwar xogholijiet ohra li kienet indikata taghmel, hija spjegat oggett oggett x'kienet fil-fatt taghmel. Giet mistoqsija dwar over-bookings u suggerit lilha li dawn kienu frott ta' zbalji; ir-rikorrenti spjegat li dawn normali jsiru apposta ghaliex ikun hemm hafna kancellazzjonijiet u bis-sahha tal-over-bookings ma jithallewx kmamar vojta. Hi kienet tiehu hsieb issolvi l-problema meta ma jkunx hemm kancellazzjonijiet biz-zejjed, bhal thajjarhom imorru ghal upgrade jew tibghat numru ta' klienti f'lukanda ohra. Fuq mistoqsija ohra, r-rikorrenti tghid li meta tterminawlha l-impieg ma ntalbitx taghti hand-over, tant li anqas biss kienet taf min kien ser jibda jaghmel dak ix-xoghol. Is-suppost hand-over ghamilha l-Human Resources manager f'nofs siegha li staqsiha dwar fejn kienu jinsabu certi dokumenti u dwar jekk kienx hemm affarijiet pendenti. Peress li ma kienet thalli kwazi xejn pendenti, dan l-inkontru ma damx wisq.

**Mario Debattista** xhed li kellu kuntratt ta' 3 snin bhala House Manager. Qabel kien hadem 30 sena mal-Corinthia Group imexxi l-operat ta' lukandi. Jghid li l-lukanda tal-kumpanija intimata hija popolari u gieli tant timtela li jkollhom iqeghdu n-nies fl-appartamenti tat-timeshare. Din kienet bicca xoghol iebsa, u kienet tiehu hsiebha kollha kemm hi r-rikorrenti. Jghid li hija kienet kapaci tikkonvinci l-guests ibiddlu l-ordni taghhom biex timla l-lukanda ahjar, u b'hekk kienet dejjem tilhaq it-target tas-sales, avolja t-targets kienu iebsa hafna. Hija kienet tiehu hsieb il-gruppi li jaslu ghaliex dawn hafna drabi iressqu hafna *requests* f'daqqa, u l-manager tkun trid issolvihom malajr. Hija kienet tiehu hsieb dawn il-problemi anke meta jaslu hafna nies f'daqqa ghal konferenzi. Jghid li huwa seta' jinnota personalment li fis-sajf ir-rikorrenti

kien ikollha tant xoghol li l-anqas leave ma kienet tiehu; kienu icemplulha spiss, anke fis-2:00 ta' fil-ghodu, biex isolvu xi porblema, u spiss hu u hi kienu jaghmlu xi sebat ijiem xoghol kontiwu bla waqfien. Imbaghad fiz-zmien ix-xitwa x-xoghol jonqos u wiehed jahdem iktar trankwill.

KONSIDERAZZJONIJIET

Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha il-kumpanija targumenta li Tiziana Grech ghamlet 19 –il sena tmexxi kollox hi, u bhal rabbiet is-sadid, tant li meta giet biex tigi rimpjazzata kien hemm htiega li jigi rivalutat kollox u t-tmexxija tal-lukanda tigi adattata mat-tibdiliet li sehhew maz-zmien. In oltre jigu kkoreguti zbalji li seta' ghamel il-general manager maz-zmien. Edmond Bartolo gie inkarigat jintervista lill-Head of Departments kollha u wara dan huwa fassal pjan ta' kif kellha tibda titmexxa il-lukanda. Gie notat minn dokument DG1 li f'Novembru 2000 kien hemm certa Daniela Gauci li kienet Reservations Manager responsabbli mill-affarijiet li imbaghad bdiet tiehu hsieb ir-rikorrenti; ir-rikorrenti giet ingaggata f'Awwissu 2007, u Daniela Gauci irrizenjat f'Marzu 2008. Igifieri ghal 7 xhur u nofs ir-rikorrenti kienet impjegata ghal xejn. Jinghad li anqas hu minnu li l-post tar-rikorrenti sar necessarju meta kibret il-lukanda, ghaliex il-lukanda kibret fl-2005 (sentejn qabel giet impjegata) u fl-2011 (erba' snin wara). Gie sottolineat ukoll li r-rikorrenti spiccat mill-impieg fil-bidu ta' Marzu 2014 mentri x-xoghol taghha haditu Julie Bonnici f'Mejju 2014, u ghalhekk hemm prova li x-xoghol tar-rikorrenti ma kienx necessarju. Dak ix-xoghol issa qed isir mill-Front of House Operations Manager Julie Bonnici li baqghet taghmel ix-xoghol ta' qabel ta' organizzazzjoni ta' events. Finalment jinghad li skond Julie Bonnici mhux veru kien hemm servizz ta' guest relations immexxi mir-rikorrenti, u s-servizz beda issa u kien qed jaghtih Mark Saliba li kien ukoll mar-reception u reservations.

Fir-risposta verbali tal-abbli difensur tar-rikorrenti jinghad li Edmond Bartolo, meta kien qed jippjana l-bdil tal-general manager, bhal ma ghogbu xejn milli

kienet qed taghmel Tiziana Grech. Jinnota li saret hafna kritika ta' dak li ghamlet 8 snin qabel meta fl-2007 din impjegat lil Elizabeth Cauchi ghax kienet habibitha minghajr ma kien hemm bzonnha; jghid li anke kieku sar zball 8 snin ilu, ma setghetx issa r-rikorrenti tpatti ghal dak l-izball hi, 8 snin wara. Jghid li l-kritika li saret ghal mod kif giet impjegata bla call for applications, bla ma gie pprezentat Curriculum Vitae, minghajr job description, jindika li din mhix tkeccija minhabba redundancy imma mizura biex tpatti ghal dawk in-nuqqasijiet antiki.

Dan it-Tribunal jikkonstata li aktarx huwa veru li meta fl-2007 meta giet impjegata r-rikorrenti din ma kinitx tant mehtiega, u giet impjegata iktar ghax kienet habiba mal-general manager. Pero' x'gara dakinhar ghandu rilevanza periferali, iktar u iktar meta l-provi dwar dak huma xotti. Il-kumpanija intimata tghid li r-rikorrenti giet impjegata b'mod legger; aktarx veru pero l-General Manager xi htiega kellha tas-CV tar-rikorrenti jekk kellha bzonn ta' persuna li kienet taghmel propju dak ix-xoghol li r-rikorrenti kienet ilha taghmel mal-Corinthia Group snin twal? L-abbli difensur tal-kumpanija intimata jilmenta li r-rikorrenti dahlet tahdem f'Awwissu 2007 biex tirrimpjazza persuna li telqet f'Marzu 2008; prima facie veru jidher li tul dawk is-7 xhur kien hemm overlapping, pero Daniela Gauci (li kienet Reservations Manager bejn l-2000 u Marzu 2008) ma ngibietx bhala xhud biex tghidilna x'xoghol kienet taghmel, kinitx hemm bhala figure-head u ma taghmel xejn (bhal ma jallega Edmond Bartolo). Anzi l-kariga ta' Daniela Gauci, li ma rrizultax li kienet habiba ta' Tiziana Grech ukoll, pjuttost tindika li kien hemm bzonnu dan ix-xoghol ta' manager responsabbli mir-reservations u front-office, tnehhi dawk is-7 xhur ta' overlap. Ma nafux ghalxiex irrizenjat, pero' jekk ghal 7 xhur ir-rikorrenti ma kellhiex x'taghmel, wara Marzu 2008 hija certament kellha xoghol x'taghmel. U ma jistax jinghad li x-xoghol naqas; anzi fl-2011 il-lukanda kibret u necessarjament ix-xoghol zdied, dment li il-kumpanija intimata mhix targumenta li l-kmamar li zdiedu fl-2011 qed jibqghulha vojta!

Finalment il-kumpanija bhal turi li r-rikorrenti kienet biss figure-head billi tinnota li bejn Marzu 2014 u Mejju 2014 ma kien hemm hadd jaghmlilha

xogholha, u meta Julie Bonnici haditilha xogholha, hija xorta baqghet taghmel il-parti l-kbira tal-hin fuq l-organizzazzjoni tal-events; intqal li l-guest relations beda jiehu hsiebhom certu Mark Saliba li mhuwiex manager. B'kull rispett dawn l-argumenti wahedhom ma jwasslu mkien: jekk ikollok erba' haddiema jsewwu triq, bis-supervisor u minghajru x-xoghol isir xorta, pero' meta jkollok xi hadd responsabbli tistenna li x-xoghol isir ahjar u aktar malajr. Veru li jekk tkecci s-supervisor tiffranka paga ta' haddiem, imma finalment min ihaddem jispicca jmur aghar. Mario Debattista jixhed li l-parti l-kbira tax-xoghol tar-rikorrenti kien bil-guest relations u bl-overbookings; il-guest relations spicca jiehu hsiebu wiehed minn tar-reception (u allura ghandek inqas kuntatt mal-klienti); imbaghad ma inghatat ebda informazzjoni min kien qed jirrizolvi l-overbookings. Naturalment, jekk tar-reservations jaghmlu cert li ma jiehdu ebda over-booking ma jkunx hemm dik il-problema, pero' hareg li min ikollu esperjenza fil-mestier jippermetti over-bookings li jkunu ikkalkulati u intenzjonali sabiex il-lukanda tinzamm kemm jista' jkun mimlija. Igifieri jekk issa mhux qed isiru over-bookings bhal fi zmien ir-rikorrenti, hemm probabilta' kbira li l-lukanda mhix tkun "fully-booked" daqs kemm kienet tkun fi zmien ir-rikorrenti.

Kemm ir-rikorrenti kif ukoll Mario Debattista qalu li r-rikorrenti kien ikollha hafna xoghol x'taghmel, u fil-high-season hija kienet tispicca tahdem sas-sieghat bikrin ta' fil-ghodu. Dan it-Tribunal jasal jikkonkludi li, ghalkemm kien veru li r-rikorrenti giet ingaggata b'mod dubjuz, u aktarx dan irrita lil min imexxi l-kumpanija, mhi bl-ebda mod kredibbli t-tezi tal-kumpanija intimata li r-rikorrenti qatt ma kien hemm bzonna. It-tezi tal-istess kumpanija intimata li r-rikorrenti ghamlet 7 xhur b'kariga li kellha overlap ma kariga ta' xi hadd iehor diga' tikkontradixxi l-pozizzjoni li hadet il-kumpanija intimata; se mai r-rikorrenti kienet zejda f'dawk is-7 xhur, imma wara le. It-tezi l-ohra li r-rikorrenti tant ma kellhiex x'taghmel li xogholha issa qed tkoprih Julie Bonnici li baqghet tikkoncentra fuq l-organizzazzjoni ta' events tfisser wahda minn zewg affarijiet: jew mhu veru xejn li Julie Bonnici tqatta' l-parti l-kbira tal-hin torganizza l-events, jew il-front office qed jithalla bhal vapur minghajr kaptan.

Jidher ukoll li l-prattika tal-overbookings ikkalkolati m'ghadhiex tithaddem, u dan finalment b'dannu ghall-istess kumpanija intimata.

Il-kumpanija intimata tghid li l-fatt li l-hand-over kien wiehed ta' ftit minuti juri kemm ma kellhiex x'taghmel ir-rikorrenti. Dan l-argument mhux bil-fors iregi; bhal ma inghad haddiema bla supervisor jahdmu xorta, jekk ma tiehux overbookings ma jkunx hemm htiega li tara kif iccaqlaq il-guests. In oltre r-rikorrenti spjegat kif hafna mix-xoghol taghha kien ikun tiltaqa' mal-guests u tipprova thajjarhom jiehdu upgrade: dan ix-xoghol jista' ma jsirx, pero' jekk ma jsirx ikun a detriment ghall-kumpanija intimata stess. Il-kumpanija intimata, jekk riedu verament javvanzaw 'il quddiem bir-ristrutturar, messhom baghtu lil xi hadd iqatta' xi granet isegwi lir-rikorrenti, u dak li hu tajjeb izommuh u dak li ma joghogobhomx inehhuh. Pero' l-kumpanija intimata mhux hekk ghamlet; anzi lir-rikorrenti ma kellimha hadd hlief infurmawha li l-impieg taghha se jispicca, oltre li fl-ahhar gurnata l-Human Resources Manager mar isaqsiha jekk hemmx xi haga pendenti xi ttih. Certament ix-xoghol ta' guest relations, rizolviment ta' ilmenti, tqassim ta' kmamar u over-bookings, rosters u ohrajn ma kienx ser jibda jaghmilhom il-Human Resources Manager, u ghalhekk jidher car li Edmond Bartolo jew il-manager il-gdid Henri Mattocks (li anqas biss ingieb jixhed) kellhom pjan car li jnehhu lir-rikorrenti minn hemm, irrispettivament minn x'kienet qed taghmel u irrispettivament jekk in-nuqqas taghha kienx ser ikun ta' detriment ghall-istess kumpanija. Edmond Bartolo, jekk ried ikun kredibbli fil-konkluzjoni tieghu li r-rikorrenti kienet biss figure-head, messu xhed jekk kienx isib lir-rikorrenti bil-qeghda ma taghmel xejn, jew taghmel xoghol li ma kienx mehtieg.

Pjuttost dan it-Tribunal ihoss li Julie Bonnici kienet aktar "favorita" in kwantu kien iktar jaghmel sens li l-pozizzjoni ta' Front of House Operatins Manager jinghata lir-rikorrenti peress li din kellha hafna u hafna aktar esperjenza minn Julie Bonnici, oltre li din kienet giet ingaggata ferm wara. Qabel l-2014 Julie Bonnici kienet diga' impjegata full-time tiehu hsieb l-events, u baqghet taghmel l-istess xoghol, meta suppost zdidulha ammont kbir ta' doveri kif inhuma

indikati fil-job description taghha dokument JB-1 (folio 66), doveri li qabel kienet taqdihom ir-rikorrenti. Bhal ma gie paragonat ma kaz ta' tkeccija ta' supervisor, it-tkecija tar-rikorrenti tista' di prima vista titqies bhala mizura fl-interess tal-kumpanija intimata, pero' jekk jitqiesu l-effetti "long-term" hija l-kumpanija intimata stess li ser titlef jekk ma jkollhiex lil xi hadd jaghmel dak ix-xoghol kollu li kienet taghmel ir-rikorrenti sa Marzu 2014. Jekk il-kumpanija intimata ghamlet kalkolu hazin ghax ma apprezzatx x'kienet qed taghmel ir-rikorrenti, affari taghha, pero' l-fatt li dik li kienet Events Executive giet preferuta biex tiehu l-kariga ta' Front of House Operations Manager turi li d-decizjoni li jigi terminat l-impieg tar-rikorrenti ma kinitx genwinament bazata fuq redundancy. Ir-rikorrenti ghamlet 6 xhur bla impieg pero' ma gabitx provi ta' xi qliegh kellha.

## DECIZJONI

Ghaldaqstant dan it-Tribunal, wara li kkonsidra l-provi prodotti, qieghed jiddecidi dan il-kaz billi jiddikjara li r-raguni tat-terminazzjoni tal-impieg tar-rikorrenti ma kinitx wahda ta' redundancy genwina. Ghalhekk il-kumpanija intimata qed tigi ordnata thallas lir-rikorrenti kumpens ta' disat elef Euro (€9,000) fi zmien tletin gurnata mill-lum. Ghall-finijiet tal-Kap 452 tal-ligijiet ta’ Malta rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta’ tlieta u disghin Euro (€93.00). B’hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Dr Leslie Cuschieri
Chairman